A.L. 134 ta' l-1994

ATT TA' L-1991 DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (ATT NRU. XVII TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1994 dwar Portijiet (Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 52 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Ministru għat-Trasport, Kumunikazzjoni u Teknoloġija, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar Portijiet (Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1995.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra—

(a) "passiġġier li jitlaq" tfisser passiġġier li jkun ser jitlaq minn port b'bastiment għal destinazzjoni barra minn Malta li ma jkunx bastiment militari, iżda ma tinkludix —

(i) passiġġier li jgħaddi minn Malta fuq vapur tat-turisti;

(ii) passiġġier li jkun wasal Malta fuq bastiment u li jitlaq minn Malta fuq bastiment fl-istess jum li jkun wasal;

(b) "vapur tat-turisti" tfisser kull vapur li huwa b'mod speċifiku u esklussiv intiż li jintuża minn persuni li jkunu qegħdin jivvjaġġaw għal rikrejazzjoni, gost jew kultura, sakemm dak il-vapur ma jimbarkax jew jiżbarkax passiġġieri li ma jkunux passiġġieri li jkunu biss għaddejin minn Malta.

Impożizzjoni u ħlas ta' dritt għal servizz lill-passiġġieri.

3. (a) Għas-servizzi u faċilitajiet provduti lil passiġġieri li jitilqu minn port, għandu jitħallas lill-Awtorità mis-sid, mill-kaptan jew mill-aġent tal-bastiment, skond il-każ, dritt ta' Lm4 għal kull passiġġier li jitlaq u li jimbarka fuq il-bastiment tiegħu.

(b) Għas-servizzi u faċilitajiet provduti lil vapur tat-turisti ġewwa xi port, għandu jitħallas lill-Awtorità mis-sid, mill-kaptan jew mill-aġent tal-bastiment, skond il-każ, dritt ta' Lm2 għal kull passiġġier li jkun hemm fuq dak il-vapur.

Eżenzjoni.

4. Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal tfal taħt l-erba' snin.

Ħassar l-A.L. 53 ta' l-1985.

5. Ir-Regolamenti ta' l-1985 dwar Portijiet (Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri), huma b'dawn imħassra.